A.L. 465 tal-2010

ATT TAL- 2010 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TAL-ESTIMI (ATT NRU. I TAL- 2010)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għall-Ħruġ ta' Euro 100,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att tal-2010 li jimplimenta Miżuri tal-Estimi, u bl-artikoli 4(1)(a) u 6(1) tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment ħareġ din id-Direttiva:-

Titolu.

1. It-titolu ta' din id-direttiva hu Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għall-Ħruġ ta' Euro 100,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta.

Ħruġ ta' *Stock*.

2. Għandu jinħareġ ammont ta' Euro 100,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:

(a) 3.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2015 (VI) *Fungibility Issue*, u

(b) 5.25% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2030 (I) *Fungibility Issue*, jew

(ċ) f'ammonti miż-żewġ *Stocks* imsemmija hawn qabel b'valur nominali flimkien ta' Euro 100,000,000.

Mod tal-ħruġ ta' *Stock*.

3. Il-ħruġ ta' *Stocks* ser isir kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

4. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dawn l-i*Stocks*. It-tqassim tal-i*Stocks* isir kif hemm spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

5. (1) Taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dawn l-i*Stocks* jiġu allokati, għandha ssir applikazzjoni sabiex kull *Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

(2) Fit-3 ta' Ġunju, 2011 wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kull ammont allokat fit-3.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2015 (VI) FI jiġi integrat mal-ħruġ eżistenti ta' dan l-i*Stock*, u wara dawn iż-żewġ

Stocks jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

(3) Fit-23 ta' Diċembru, 2010 wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kull ammont allokat fit-5.25% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2030 (I) FI jiġi integrat mal-ħruġ eżistenti ta' dan l-i*Stock*, u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

6. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stocks* imsemmija flimkien tkun ta' Euro 100,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

7. (1) L-imgħax bir-rata ta' Euro 1.875 għal kull Euro 100, 3.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2015 (VI) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-3 ta' Ġunju u fit-3 ta' Diċembru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*. L-ewwel ħlas pro rata relattiv għall-perjodu bejn is-17 ta' Novembru, 2010 u t-2 ta' Ġunju, 2011 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fit-3 ta' Ġunju, 2011.

(2) L-imgħax bir-rata ta' Euro 2.625 għal kull Euro 100, 5.25% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2030 (I) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-23 ta' Ġunju u fit-23 ta' Diċembru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*. L-ewwel ħlas pro rata relattiv għall-perjodu bejn is-17 ta' Novembru, 2010 u t-22 ta' Diċembru, 2010 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fit-23 ta' Diċembru, 2010.

Fidwa ta' *Stock*.

8. (1) It-3.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2015 (VI) jiġi mifdi b'parità fit-3 ta' Diċembru, 2015.

(2) Il-5.25% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2030 (I) jiġi mifdi b'parità fit-23 ta' Ġunju, 2030.